MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 1113/2014

**Erica Carbonaro (ID273080M), Paul Carbonaro (ID19184M), u Rosaria *sive* Rose Meli (ID822053M) fil-kapacita' taghha ta' uzufruttwarja.**

***vs***

**Svetlana Al-Sharif nee' Micallef (ID168285M) u zewgha Sherif Said Mohamed Othman Al-Sharif (ID47714A)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Erica Carbonaro detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 273080(M) datat 5 ta’ Dicembru 2014 ikkonfermat bil-gurament taghha: -

IIIi l-attrici Rosaria *sive* Rose Meli bis-sahha ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat l-1 ta' April 2008 kriet lill-intimata l-fond appartament Bruce Court Flat 1, Mensija Street, San Giljan, bil-kundizzjonijiet *ai termini* tal-annessa skrittura mmarkata Dok RM1.

IIIi minkejja illi l-kuntratt fuq imsemmi skada fit-30 ta' Settembru 2008, l-attrici baqghet iggedded il-kirja mensilment.

Illi tul dawn l-ahhar xhur hija waqghet moruza f’diversi pagamenti, u minkejja diversi weghdiet ghall-hlas ghad hemm bilanc ta' €3,800 f’arretrati ta' kera dovuta kif ukoll is-somma ta €1,122.71 rappresentanti konsum ta' dawl u ilma, kollox ammontanti ghal €4,922.71.

Illi permezz ta' ittra legali datata 20 ta' Novembru 2014, l-attrici nfurmat lill-konvenuta illi ma kenitx bi hsiebha ggedded il-kirja *oltre* t-30 ta' Novembru 2014, kif ukoll talbitha tirritorna c-cwievet tal-fond (Dok RM2).

Illi minkejja nterpellata tirritorna c-cwievet u tizgombra mill-fond *de quo* kif ukoll thallas s-somma ta' €4922.71 hija baqghet inadempjenti.

Illi l-intimata qieghda tokkupa l-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu legali, u kwindi b'mod abbusiv; *oltre* illi qed tichad lill-atturi milli jgawdu u/jew jiddisponu minn proprjeta' taghhom kif joghgobhom.

Illi l-atturi ghandhom kull interess illi jirriprendu pussess tal-proprjeta'

taghhom.

Illi dan jaghti dritt lir-rikorrenti sabiex jipprocedu kontra l-konvenuti bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et* sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed taghmel.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u pportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 167(i)(b) *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi:

1 Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-fond appartament Bruce Court Flat 1, Mensija Street, San Giljan minghajr ebda titolu legali;

2. Tordna lill-intimati jizgombraw mill-fuq imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn Dina l-Onorabbli Qorti.

3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom jhallsu s-somma komplessiva ta' €4,922.71; kwantu ghal €3,800 f'arretrati ta' kera dovuta u kwantu ghal €11,22.71 rapprezentanti konsum ta' dawl u ilma.

Bl-ispejjes, kontra l-istess intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Jannar 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta’ Jannar 2015 quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carlo Bisazza ghall-atturi, prezenti Erica Carbonaro. Kawza giet posposta ghall-kwarta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Carlo Bisazza ghall-atturi, prezenti l-attrici. Deher Dr Jason Grima ghall-konvenuti, li irrileva li l-intimat ma giex notifikat bir-rikors odjern regolarment billi jinsab imsiefer u ser jirritorna f'Marzu 2015, madnakollu l-intimata li hija regolarment notifikata ma dehritx. Dr. Bisazza talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' Svetlana Al-Sharif u jirtira l-proceduri kontra l-intimat, u ghalhekk il-Qorti illiberat lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti laqghet it-talba u ghaddiet ghas-sentenza fil-konfront ta' Svetlana Al-Sharif nee` Micallef.

**II. DECIDE:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-intimata ma dehritx fis-seduta tallum minkejja li giet notifikata debitament, u billi jidher li t-talbiet huma gustifikati skont l-artikoli msemmija u ghandhom ghalhekk jigu milqugha, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimata qed tokkupa l-fond in mertu minghajr l-ebda titolu legali;

2. tilqa' t-tieni talba u tordna lill-istess intimata sabiex tizgombra mill-istess fond fi zmien perentorju ta' xahar millum;

3. tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimata sabiex thallas is-somma komplessiva ta' €4,922.71 kwantu ghall-€3,800 arretrati ta' kera dovuta, u kwantu ghal €1,122.70 rapprezentanti konsum ta' dawl u ilma.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi.

**Bl-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------